

32007R0146

16.2.2007

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 46/9

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 146/2007**tal-15 ta' Frar 2007**

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3440/84 fir-rigward tal-kundizzjonijiet għal ċerti xbieki tat-tkarkir għal bastimenti li jħaddmu sistemi ta' ppumpjar abbord

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 48 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3440/84², kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 2122/89³, jistabbilixxi regoli ddettaljati dwar it-twaħħil ta' mekkaniżmu ma' gangmi, xbieki Daniżi u xbieki simili.
- (2) Sabiex tiġi żgurata s-sikurezza tal-ekwipaġġi, fl-2007 għandhom jiġu implimentati miżuri supplimentari, li ma jaffettwawx is-selettività, fuq il-kundizzjonijiet tekniċi fir-rigward ta' bastimenti li jħaddmu sistemi ta' ppumpjar abbord.
- (3) Għaldaqstant, ir-Regolament (KEE) Nru 3440/84 għandu jiġi emendat skont dan.
- (4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

¹ ĠU L 125, 27.4.1998, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2166/2005 (ĠU L 345, 28.12.2005, p. 5).

² ĠU L 318, 7.12.1984, p. 23.

³ ĠU L 203, 15.7.1989, p. 21.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3440/84 għandu jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

'4. B'deroga mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, il-bastimenti li jħaddmu sistemi ta' ppumpjar abbord għandhom jitħallew iwaħħlu kalament f'distanza ta' mhux iktar minn 10 m. mill-malji ta' wara tal-manka, meta s-sajd isir bix-xbieki tat-tkarkir fejn id-daqs tal-malji jkun inqas minn 70 mm.'

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' Frar 2007.

Għall-Kummissjoni
Joe BORG
Membru tal-Kummissjoni